Stampa u Informazzjoni

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 183/14**
Il-Lussemburgu, 18 ta’ Diċembru 2014

Sentenza fil-Kawża C-354/13
Fag og Arbejde (FOA), li qed jaġixxi għal Karsten Kaltoft vs Kommunernes Landsforening (KL), li qed taġixxi għall-Billund Kommune

# L-obeżità tista’ tikkostitwixxi “diżabbiltà” fis-sens tad-Direttiva dwar l-ugwaljanza fit-trattament fil-qasam tal-impjieg

*Għalkemm ebda prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni ma jipprojbixxi, fih innifsu, id-diskriminazzjonijiet ibbażati fuq l-obeżità, din tal-aħħar taqa’ taħt il-kunċett ta’ “obeżità” meta, taħt ċerti kundizzjonijiet, tostakola l-parteċipazzjoni sħiħa u effettiva tal-persuna kkonċernata fil-ħajja professjonali fuq bażi ugwali bħall-ħaddiema l-oħra*

Bl-iskop li tippreċiża l-prinċipju ta’ ugwaljanza fit-trattament, direttiva tal-Unjoni [1] tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ġlieda kontra d-diskriminazzjonijiet fil-qasam tal-impjieg u tax-xogħol. Skont din id-direttiva, id-diskriminazzjonijiet ibbażati fuq ir-reliġjon, it-twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentament sesswali huma pprojbiti fil-qasam tal-impjieg.

Karsten Kaltoft ħadem għal ħmistax-il sena mal-muniċipalità ta’ Billund (id-Danimarka) bħala assistent responsabbli għat-tfal. Fil-kuntest ta’ din l-attività, huwa kien responsabbli sabiex jieħu ħsieb it-tfal ta’ ħaddieħor fid-dar tiegħu stess. Fit-22 ta’ Novembru 2010, il-muniċipalità temmet il-kuntratt ta’ xogħol tiegħu. Għalkemm it-tkeċċija kienet motivata minn tnaqqis fin-numru ta’ tfal li kienu jibbenefikaw minn dan is-servizz, il-muniċipalità ma indikatx ir-raġunijiet għalfejn l-għażla tagħha kienet waqgħat fuq K. Kaltoft. Matul il-perijodu kollu tal-kuntratt ta’ xogħol tiegħu, K. Kaltoft kien ikkunsidrat li huwa fi stat ta’ obeżità fis-sens tad-definizzjoni mogħtija mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO). Minkejja li l-obeżità ta’ K. Kaltoft kienet ġiet diskussa matul il-laqgħa preliminari għat-tkeċċija, il-partijiet ma jaqblux dwar kif kienet diskussa din il-kwistjoni. B’hekk, il-muniċipalità tiċħad li l-obeżità kienet waħda mir-raġunijiet għat-tkeċċija ta’ K. Kaltoft. Peress li kkunsidra li din it-tkeċċija tirriżulta minn diskriminazzjoni illegali bbażata fuq l-obeżità, il-Fag og Arbejda (FOA), sindakat ta’ ħaddiema li qed jaġixxi għal K. Kaltoft, fetaħ kawża quddiem qorti Daniża sabiex tiġi kkonstatata din id-diskriminazzjoni u sabiex jitlob danni.

Fil-kuntest tal-eżami ta’ din it-talba, il-qorti ta’ Kolding, id-Danimarka (retten i Kolding), talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża jekk id-dritt tal-Unjoni jipprojbixxix b’mod awtonomu d-diskriminazzjonijiet ibbażati fuq l-obeżità. Sussidjarjament, l-imsemmija qorti staqsiet jekk l-obeżità tistax tikkostitwixxi diżabbiltà u jekk b’hekk taqax fil-kamp ta’ applikazzjoni tad-direttiva msemmija iktar ’il fuq.

Fis-sentenza mogħtija llum, il-Qorti tal-Ġustizzja tosserva l-ewwel nett li l-prinċipju ġenerali ta’ nondiskriminazzjoni huwa dritt fundamentali li jagħmel parti integrali mill-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni. Dan il-prinċipju għalhekk jorbot lill-Istati Membri meta sitwazzjoni nazzjonali tkun taqa’ fil-kamp ta’ applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni.

F’dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li ebda dispożizzjoni tat-Trattati u tad-dritt idderivat tal-Unjoni fil-qasam tal-impjieg u tax-xogħol ma tinkludi projbizzjoni tad-diskriminazzjoni bbażata fuq l-obeżità bħala tali. B’mod partikolari, id-Direttiva dwar l-ugwaljanza fit-trattament fil-qasam tal-impjieg ma tinkludix l-obeżità bħala raġuni ta’ diskriminazzjoni u ma hemmx lok li l-kamp ta’ applikazzjoni ta’ din id-direttiva jiġi estiż lil hinn mid-diskriminazzjonijiet ibbażati fuq ir-raġunijiet

[1] Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE, tas-27 ta’ Novembru 2000, li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 79).

elenkati b'mod eżawrjenti. Barra minn hekk, lanqas il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ma hija applikabbli għal tali sitwazzjoni.

F'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li l-proċess ma jinkludi ebda element li jippermetti li jitqies li tkeċċija allegatament ibbażata fuq l-obeżità bħala tali taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni.

Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonkludi li, **fil-qasam tal-impjieg u tax-xogħol, id-dritt tal-Unjoni ma jirrikonoxxix prinċipju ġenerali ta' nondiskriminazzjoni minħabba l-obeżità bħala tali.**

Fir-rigward tal-kwistjoni jekk l-obeżità tistax tikkostitwixxi "diżabbiltà" fis-sens tad-Direttiva, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li l-għan ta' din id-direttiva huwa li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ġlieda, fil-qasam tal-impjieg u tax-xogħol, kontra d-diskriminazzjonijiet ibbażati fuq waħda mir-raġunijiet elenkati fid-Direttiva, li fosthom tinsab id-diżabbiltà.

Il-kunċett ta' "diżabbiltà" fis-sens tad-Direttiva għandu jinftiehem fis-sens li jirreferi għal limitazzjoni, li tirriżulta b'mod partikolari minn defiċjenzi għal perijodu twil ta' natura fiżika, mentali jew psikika, li flimkien ma' diversi ostakoli tista' tkun ta' xkiel għall-parteċipazzjoni sħiħa u effettiva tal-persuna kkonċernata fil-ħajja professjonali fuq bażi ugwali bħall-ħaddiema l-oħra. Il-Qorti tal-Ġustizzja tenfasizza li dan il-kunċett ma għandux jinftiehem li jirreferi biss għall-impossibbiltà li tiġi eżerċitata attività professjonali iżda għandu jinftiehem ukoll fis-sens li jirreferi għal ostakolu fl-eżerċizzju ta' tali attività. Fil-fatt, l-għan ta' din id-direttiva huwa li timplementa l-ugwaljanza fit-trattament u hija intiża b'mod partikolari li persuna b'diżabbiltà tkun tista' jkollha aċċess għal impjieg jew tkun tista' teżerċitah. **Barra minn hekk, jekk l-oriġini tad-diżabbiltà jitqies li huwa rilevanti għall-finijiet tal-applikazzjoni tad-Direttiva, dan ikun imur kontra l-għan tagħha.**

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja tosserva li d-definizzjoni tal-kunċett ta' "diżabbiltà" tippreċedi d-determinazzjoni u l-evalwazzjoni tal-miżuri ta' akkomodazzjoni raġonevoli li l-persuni li jimpjegaw, skont id-Direttiva, għandhom jieħdu, meta meħtieġ fil-każ partikolari, sabiex jippermettu lil persuna b'diżabbiltà jkollha aċċess għal impjieg, tipparteċipa f'xogħol jew tavvanza professjonalment (sakemm dawn il-miżuri ma jimponux piż sproporzjonat fuq il-persuna li timpjega). Għaldaqstant, is-sempliċi fatt li tali miżuri ta' akkomodazzjoni ma kinux ittieħdu fil-konfront ta' K. Kaltoft ma huwiex biżżejjed sabiex jitqies li dan ma jistax ikun persuna b'diżabbiltà fis-sens tad-Direttiva.

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonkludi li jekk, f'ċirkustanzi partikolari, l-istat ta' obeżità tal-ħaddiem jimplika limitazzjoni, li tirriżulta b'mod partikolari minn defiċjenzi ta' natura fiżika, mentali jew psikika, li flimkien ma' diversi ostakoli tista' tkun ta' xkiel għall-parteċipazzjoni sħiħa u effettiva ta' din il-persuna fil-ħajja professjonali fuq bażi ugwali bħall-ħaddiema l-oħra u jekk din il-limitazzjoni tkun għal perijodu twil, tali stat jaqa' taħt il-kunċett ta' "diżabbiltà" fis-sens tad-Direttiva. Dan ikun il-każ, b'mod partikolari, jekk l-obeżità tal-ħaddiem tkun ta' ostakolu għal din il-parteċipazzjoni minħabba mobbiltà mnaqqsa jew minħabba li dan il-ħaddiem ikun ibati minn patoloġiji li jipprekluduh milli jwettaq ix-xogħol tiegħu jew li jimplikaw ostakolu għall-eżerċizzju tal-attività professjonali tiegħu.

Hija l-qorti nazzjonali li għandha tiddetermina jekk l-obeżità ta' K. Kaltoft taqax taħt id-definizzjoni ta' "diżabbiltà".

---

**NOTA:** Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qrati tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qrati nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

---

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

*It-test sħiħ tas-sentenza jinsab fuq is-sit CURIA mill-jum li fiha tingħata s-sentenza*

*Kuntatt għall-istampa: Christopher Fretwell ☎ (+352) 4303 3355*

www.curia.europa.eu

*Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "Europe by Satellite" ☎ (+32) 2 2964106*